

32003R2309

L 342/21

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

30.12.2003

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2309/2003  
 tad-29 ta' Diċembru 2003**

**li jemenda l-Annessi III B, IV u VI mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 rigward kwoti tat-tessuti  
 għall-2004**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 tas-7 ta' Marzu 1994 dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' prodotti tessili minn ċerti pajjiżi terzi mhux koperti bi ftehimijiet bilaterali, protokollu jew arranġamenti oħra, jew b'regoli oħra speċifiċi Komunitarji fuq l-importazzjoni <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 517/94 jistabbilixxi l-limiti kwantitattivi annwali għal ċerti prodotti tessili li joriġinaw mis-Serbia u l-Montenegro u l-Korea ta' Fuq.
- (2) Mill-1 ta' Mejju 2004, l-Unjoni Ewropea se tinkludi 10 Stati Membri ġodda. L-Artikolu 6(7) ta' l-Att ta' Adeżjoni jipprovdi li l-Istati Membri ġodda jridu japplikaw il-politika ta' kummerċ komuni rigward tessili u li r-restrizzjonijiet kwantitattivi applikati mill-Komunità għal importi ta' prodotti tessili u tal-ħwejjeġ iridu jiġu aġġustati biex titqies l-adeżjoni ta' l-Istati Membri ġodda għall-Komunità. Ir-restrizzjonijiet kwantitattivi applikabbli għal importi ta' ċerti prodotti tessili minn pajjiżi terzi fil-Komunità mkabbra jridu konsegwentement jiġu aġġustati biex jinkludu importi fl-10 Stati Membri ġodda. Dan jeħtieġ l-emenda ta' ċerti l-Annessi għar-Regolament (KE) Nru 517/94.
- (3) Huwa xieraq li tintuża' metodoloġija biex jiġu emendati l-kwantitajiet li tqis l-importi tradizzjonali ġo l-Istati Membri ġodda fl-aġġustament tal-livelli ġodda ta' kwota. Formola li tikkonsisti mill-medju ta' l-importi ta' l-aħħar tliet snin minn pajjiżi terzi ġo l-10 Stati Membri ġodda, pro rata temporis aġġustata, tippovdi kejl adegwat ta' ċaqliq storiku. Is-snin 2000 sa 2002 ġew magħżula bħala l-aktar

sinifikanti, għaliex jirrappreżentaw l-aħħar informazzjoni disponibbli dwar importi ta' l-10 Stati Membri ġodda ta' tessili u ħwejjeġ.

- (4) L-Annessi III B, IV u VI mar-Regolament (KEE) Nru 517/94 għandhom għalhekk jiġu emendati sabiex inizżu flista livelli ta' kwota applikabbli għas-sena 2004. Ir-regoli dettaljati li jirregolaw l-allokazzjoni ta' kwota ta' l-2004 huma dawk li jinstabu fir-Regolament tal-Kummissjoni (EC) Nru 2308/2003 tad-29 ta' Diċembru 2003 dwar it-tmexxija ta' kwoti ta' tessili stabbiliti skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 għas-sena 2004 <sup>(2)</sup>.
- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 517/94 għandu għalhekk jiġi emendat kif mistħoqq.
- (6) Il-miżuri provvduti f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tessili stabbilit skond l-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 517/94,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi III B, IV u VI mar-Regolament (KE) Nru 517/jiġu emendati kif dikjarat fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussel, fid-29 ta' Diċembru 2003.

*Għall-Kummissjoni*

Pascal LAMY

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 67, ta' l-10.3.1994, p. 1, kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/2003 (ĠU L 212, tat-22.8.2003, p. 46).

<sup>(2)</sup> Ara paġna 13 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

## L-ANNEX

L-Annessi III B, IV u VI mar-Regolament (KE) Nru 517/94 jiġu emendati kif ġej:

1. L-Anness III B huwa mibdul b'dan li ġej:

"L-ANNEX III B

**Limiti kwantitattivi annwali Komunitarji riferiti fir-raba' indent ta' l-Artikolu 2(1)**

**Is-Serbja u l-Montenegro <sup>(1)</sup>**

Kategorija	Unit	Kwantita
1	tunnellati mettriċi	2 350
2	tunnellati mettriċi	2 853
2a	tunnellati mettriċi	645
3	tunnellati mettriċi	312
5	1 000 biċċa	1 326
6	1 000 biċċa	594
7	1 000 biċċa	311
8	1 000 biċċa	1 109
9	tunnellati mettriċi	292
15	1 000 biċċa	460
16	1 000 biċċa	232
67	tunnellati mettriċi	244

<sup>(1)</sup> Inkluż il-Kosovo kif definit mir-Risoluzzjoni tal-Kunsill ta' Sigurta tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 ta' l-10 ta' Ġunju 1999. "

2. L-Anness IV huwa mibdul b'dan li ġej:

"ANNEX IV

**Limiti kwantitattivi annwali Komunitarji riferiti fl-Artikolu 3(1)**

**Il-Korea ta' Fuq**

Kategorija	Unit	Kwantita
1	tunnellati mettriċi	128
2	tunnellati mettriċi	150
3	tunnellati mettriċi	81
4	1 000 biċċa	289
5	1 000 biċċa	188
6	1 000 biċċa	218
7	1 000 biċċa	97
8	1 000 biċċa	302
9	tunnellati mettriċi	71
12	1 000 pairs	1 308
13	1 000 biċċa	1 509
14	1 000 biċċa	154
15	1 000 biċċa	175
16	1 000 biċċa	88
17	1 000 biċċa	61
18	tunnellati mettriċi	61
19	1 000 biċċa	411

Kategorija	Unit	Kwantita
20	tunnellati metriċi	142
21	1 000 biċċa	3 416
24	1 000 biċċa	263
26	1 000 biċċa	175
27	1 000 biċċa	288
28	1 000 biċċa	286
29	1 000 biċċa	120
31	1 000 biċċa	293
36	tunnellati metriċi	95
37	tunnellati metriċi	378
39	tunnellati metriċi	51
59	tunnellati metriċi	466
61	tunnellati metriċi	40
68	tunnellati metriċi	120
69	1 000 biċċa	184
70	1 000 biċċa	270
73	1 000 biċċa	149
74	1 000 biċċa	133
75	1 000 biċċa	39
76	tunnellati metriċi	120
77	tunnellati metriċi	14
78	tunnellati metriċi	184
83	tunnellati metriċi	54
87	tunnellati metriċi	8
109	tunnellati metriċi	11
117	tunnellati metriċi	51
118	tunnellati metriċi	23
142	tunnellati metriċi	10
151A	tunnellati metriċi	10
151B	tunnellati metriċi	10
161	tunnellati metriċi	152"

3. L-Anness VI huwa mibdul b'dan li ġej:

"ANNEX VI

**TRAFFIKU LI JIPPROĊEDI GĦALL-ESTERN**

**Limiti kwantitattivi annwali Komunitarji riferiti fl-Artikolu 4**

**Is-Serbja u l-Montenegro <sup>(1)</sup>**

Kategorija	Unit	Kwantita
5	1 000 biċċa	1 501
6	1 000 biċċa	4 457
7	1 000 biċċa	2 190
8	1 000 biċċa	4 936
15	1 000 biċċa	2 576
16	1 000 biċċa	1 374

<sup>(1)</sup> Inkluż il-Kosovo kif definit mir-Risoluzzjoni tal-Kunsill ta' Sigurta tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 ta' l-10 ta' Ġunju 1999. "